**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 09/14 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | | |
| **Data** | 11/09/2014 fis-6.15pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti |
| | | Joan Agius | Preżenti |
| | | Claude Camilleri | Preżenti sad-9.15pm |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti |
| | | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |
| **Mhux Preżenti** | | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Christabel Carabott | |

**09. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Proponent:Camilleri<br>Sekondant: Agius | Il-Minuti 08/14 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 08.2.17 | minflok il-kelma 'facebook', tidħol il-kelma 'website'. | | |
| | 08.3.8 | minflok 'il-kamra tal-kenniesa', jidħlu l-kliem 'il-kamra tal-klassi tal-komunita'. | | |
| | 08.9.1iii | minflok 'il-15 ta' Lulju', jidħlu l-kliem 'li kienet għadha kif ħarġet'. | | |
| 09. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**09. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2. 1 | 08.2.1 | Caruana: Sleeping Policeman Triq Lvant | Caruana rraporta li saret l-isleeping policeman fi Triq Lvant u rringrazzja lis-Sindku. | Sindku |
| 09. 2. 2 | 08.2.2 | Agius: Ħlas Frankie Mifsud | Agius irrapurtat li s-Sur Mifsud għadu ma tħallasx. Is-Sindku qal li jekk ma ningħatawx risposta, tinkiteb ittra lill-Prim Ministru. | Agius |
| 09. 2. 3 | 08.2.3 | Agius: Ġbir ta' ħġieġ | Agius infurmat lill-Kunsill li l-ġabra ta' ħġieġ li saret fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru, daħlu diversi ilmenti li ma sarx ġbir fi Triq San Girgor u Ħabel ix-Xgħir. Ser tingibed l-attenzjoni tal-Greenpak u ninfurmawhom ukoll li hemm bżonn ta' komunikazzjoni diretta mal-kuntrattur. | Agius |
| 09. 2. 4 | 08.2.4 | Caruana: Żviluppi Ċanċu Supreme | Caruana staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Sindku talab sabiex isir reminder. Camilleri rraporta parkeġġ ta' karozzi li ma jintużawx fi Triq il-Faqqus u Triq Wied il-Għajn. Il-Kunsillieri Caruana u Hales semmew ilma maħmuġ ħiereġ barra t-triq li qed ikun ta' inkonvenjent għar-residenti. Il-konklużjoni kienet li għandna ninfurmaw lill-pulizija biex tittieħed azzjoni. | Hales<br>Segretarju |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2. | 5 | 08.2.5 | Hales: Siġra Mejta ħdejn il-Knisja ta' San Girgor | Hales informa lill-Kunsill li s-siġra tneħħiet. | Hales |
| 09. | 2. | 6 | 08.2.7 | Hales: *Dog Litter Bins* | Hales irraporta li dawn għadhom ma nxtrawx. | Hales |
| 09. | 2. | 7 | 08.2.8 | Chircop: Trasport Pubbliku Higher Secondary Naxxar | Chircop staqsa jekk kienx hemm progress. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Hales Segretarju |
| 09. | 2. | 8 | 08.2.12 | Agius: Attivita Gaffiero Productions | Agius staqsiex jekk Gaffiero Productions ħallasx għall-użu tal-ġnien. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Segretarju |
| 09. | 2. | 9 | 08.2.13 | Hales: *Reserved parking - Lotto Office* fi Triq A. Cachia Zammit | Hales informa lill-Kunsill li dan sar. | Hales |
| 09. | 2. | 10 | 08.2.19 | Agius: Ilmenti - *Housing* | Agius qalet li dawn l-ilmenti jridu jsiru mill-kuntattur Frankie Mifsud iżda dan mhux ser jagħmel xogħol qabel ma jitħallas. Il-Kunsill innota ukoll li kien hemm min miss l-intercom u għamlilha l-ħsara. Is-Sindku qal li l-amministratturi jridu jieħu ħsieb. Caruana qal li l-Kunsill għandu jgħin. Is-Sindku spjega li l-proposti sabiex isiru l-lifts qegħdin quddiem l-aworita' tad-djar u l-awtorita mhiex iddaħħal lill-Kunsilli fid-diskussjonijiet. | Agius |
| 09. | 2. | 11 | 08.2.20 | Hales: Suffit fil-latrina | Hales irraporta lill-Kunsill li x-xogħol għadu ma nbediex. | Hales |
| 09. | 2. | 12 | 08.2.24 | Caruana: Manutenzjoni tal-magħsar taż-żebbuġ | Caruana fakkar sabiex issir il-manutenzjoni fuq il-magħsar taż-żebbug. | Sindku |
| 09. | 2. | 13 | 08.2.26 | Caruana: Knis | Caruana ilmenta li l-frekwenza tal-knis mhiex adegwata. Is-Sindku spjega li f'ċertu żoni, il-knis mhux qed isir regolarment. Dan irid jitranġa. Hales qal li matul ix-xahar ta' Settembru l-Kunsill ser jaħdmu b'erba' kenniesa. | Hales |
| 09. | 2. | 14 | 08.3.14 | Caruana: Bring in sites fi Triq il-Qadi | Caruana talab jekk din il-bring in site tistax issir post ieħor. Hales spjega li fil-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart il-ġdid, il-madwar tal-bring in sites ser jibda jsir kuljum. Hu żied jgħid li din hi t-tieni l-agħar bring in site wara dik ta' Triq Toni Zahra. Is-Sindku qal li dawk huma responsabilta' tal-Greenpak u irridu ninsistu biex dawn isiru. | Abela |
| 09. | 2. | 15 | 08.3.5 | Fenech: Kuntratt Żejtun Corinthians | Fenech staqsiet jekk kienx hemm progress. Is-Sindku spjega li għalkemm tlabna l-kuntratt, dan ma nġiebx il-Kunsill. | Sindku |
| 09. | 2. | 16 | 08.4.3i | Fenech: *A4U project* | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-madum tlesta u ġew eżawriti l-€1,500 għalkemm għad fadal affarijiet xi jsiru. Hija qalet ukoll li sabet ħafna għajnuna miż-żgħażagħ u l-ġenituri. | Fenech |
| 09. | 2. | 17 | 08.8.1 | Hales: Cameras fil-latrini Ġnien l-Għannejja Żwieten | Il-Kunsill innota li dawn ma jistgħux isiru minħabba li d-DVR tal-Kiosk huwa mimli. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2. | 18 | 08.9.1 | Caruana: Diskussjoni *Child Day Care Centre* | Caruana qal li kellhom isiru taħdidiet aħjar biex il-Kunsilliera jkunu mgħarrfa dak li kien qed isir. Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar l-ittra fil-dehret fil-gazzetta fit-22 ta' Lulju. Hija pproponiet sabiex il-Kunsill jikkundanna dawn it-tip ta' ittri u affarijiet li jidhru fuq il-facebook li hi ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li hi policy tal-Kunsill li ma jirrispondix ittri anonimi. Qal ukoll li ma kienx jaqbel mal-kontenut u ittri bħal dawn jagħmlu biss ħsara. | Sindku |
| 09. | 2. | 19 | 08.9.4 | Fenech: Attivitajiet tas-sotto kumitat | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-attivitajiet saru, minbarra it-*Taste Dive* u Kemmuna. | Fenech |
| 09. | 2. | 20 | 08.9.7 | Fenech: Misraħ Ta' Pizzuta | Fenech staqsiet jekk kienx hemm żviluppi. Hija rrapurtat ukoll li t-triq ġiet maqluba b'konsegwenza għar-residenti/razzett. Is-Sindku spjega li t-triq hija naturalment maqluba u sar rapport l-għassa tal-pulizija dwar t-tfigħ taż-żjut. | Sindku<br>Agius<br>Fenech |
| 09. | 2. | 21 | 08.9.8 | Fenech: *Barrier* fi Ġnien San Girgor fejn il-latrina | Fenech issuġeriet li ssir barrier fi Ġnien San Girgor f'tarf il-bankina fejn kien hemm l-uffiċċju tal-kenniesa. | Hales |
| 09. | 2. | 22 | 08.9.9 | Fenech: Proġett: *I want to ride my bicycle* | Fenech irrapurtat lill-kunsill li ħarġu applikazzjonijiet fuq il-*website* tal-Kunsill. Inxtraw il-biljetti ta' l-ajru. Il-proġett qiegħed isir ġo Spanja u kif il-parteċipanti ikunu lura Malta, ser jagħmlu proġett mal-Kunsill. | Fenech |
| 09. | 2. | 23 | 08.9.12 | Chircop: Laqgħa MCast | Chircop irraporta li għal-laqgħa ta' l-MCast kien hawn attendenza fqira. Għal sena oħra, il-prospectus jitqassam dakinhar tal-laqgħa. | Chircop |
| 09. | 2. | 24 | 08.9.12 | Chircop: *Survey* | Chircop spjega li s-*survey* ser jitratta kif il-Maltin ser iħarsu lejn iż-Żejtun mil-lat turistiku. Dan ser isir nhar is-Sibt 13 ta' Settembru u li għalih ser ikunu avviċinati madwar 150 ruħ mhux residenti ż-Żejtun. | Chircop |
| 09. | 2. | 25 | 08.9.13 | Chircop:Funtana Ġnien iż-Żgħożija | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ilma tbiddel. | Sindku |
| 09. | 2. | 26 | 08.9.18 | Hales: Bozza maqtugħa fi Triq Sciortino | Il-Kunsillier Hales irraporta li din ġiet imsewwija. | Sindku |
| 09. | 2. | 27 | 08.9.19 | Camilleri: Bankina fejn il-palma fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Camilleri staqsa jekk din il-bankina hux ser issir. Is-Sindku spjega li din tpoġġiet fil-programm. | Sindku |
| 09. | 2. | 28 | 08.9.20 | Camilleri: Sprall fi Triq San Klement | Camilleri staqsa dwar riħa ta' drenaġġ tiela minn sprall fi Triq San Klement. Hales qal li hemmhekk hemm *leak* ta' drenaġġ li ser jiġi rrapurtat. | Hales |
| 09. | 2. | 29 | 08.9.27 | Viċi-Sindku: *Patching* fi Sqaq Sciortino nru 2 | Il-Viċi-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-*patching* sar. | Sindku |
| 09. | 2. | 30 | 08.9.28 | Viċi-Sindku: Tindif tal-funtana fi Ġnien San Girgor | Il-Viċi-Sindku nfurmat lill-Kunsill li sar it-tindif tal-funtana fi Ġnien San Girgor. Is-Sindku qal li din issir kull sena. | Sindku |

**09. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 3. 1 | 01 | MEPA: PA02576/14 | Il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżammu t-texture u l-karattru ta' l-inħawi ta' dan l-iżvilupp. Il-Kunsill iddeċieda li jikseb iktar informazzjoni u jara x'xogħol ser isir fuq il-faċċata. | Sindku |
| 09. 3. 3 | 05 | R. Bezzina: Riżenja Kuntratt ta' l-Iskart | Is-Sindku qara l-ittra tal-kuntrattur Bezzina fejn dan informa lill-Kunsill li kien qed jirriżenja bħala kuntrattur mill-ġbir ta' l-iskart. Is-Sindku talab sabiex f'kuntratt ieħor in-notice period ikun ta' tliet xhur. Hales spjega li skont il-*General Conditions of Contract*, in-*notice period* jiġi stabbilit permezz ta' ftehim bejn il-Kuntrattur u l-Kunsill Lokali. | Hales |
| 09. 3. 4 | 06 | Pets & More: *Un/Loading bay* | **Il-Kunsill qabel li jgħaddi it-talba ta' sid il-ħanut Pets & More lil TM.** | Hales<br>Segretarju |
| 09. 3. 5 | 08 | Impjegata Muscat: *Teleworking* | **Il-Kunsill qabel li jitkellem ma' l-impjegata Muscat u ma sabx oġġezzjoni li jagħti xogħol ta' *teleworking* lill-istess impjegata.** | Sindku<br>Segretarju |
| 09. 3. 6 | 09 | Glenn Chircop: Manutenzjoni tal-*website* | Il-Kunsillier Chircop qam minn mal-mejda tal-Kunsill minħabba interess pekunjarju. **Il-Kunsill qabel li jġedded il-ftehim li kien laħaq mas-Sur Glenn Chircop għal manutenzjoni tal-*website*. Il-Kunsill ser jistaqsi lil Chircop kemm qed jidħlu nies fuq il-*website* u l-informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kunsill titella fil-ħin.** | Segretarju |
| 09. 3. 7 | 13 | DLG: Premju Anzjanita Attiva | Dwar in-nomina tal-Kunsill ta' persuna għal premju anzjanita' attiva, il-Viċi-Sindku rrimarkat li din il-korrispondenza inbagħtet b'short dead line. Minn riċerka li għamlet hi sabet li hemm persuna li qed tkun id-Dar ta' l-Anzjani fejn din qed tgħin lir-resdienti sabiex jibqgħu attivi, u li din tista' tkun nominata. | Viċi-Sindku |
| 09. 3. 8 | 15 | R. Abela: Talba għal użu tal-Ġnien Għannejja Żwieten u Ġnien il-Kmandant | Il-Kunsill approva li Sinj. Abela tagħmel użu minn dawn iz-zewġ ġonna f'Mejju 2015. bi ħlas. | Hales |
| 09. 3. 9 | 18 | DLG: Memo 25/2014 | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lill-Kunsill li tista taħdem mal-Viċi-Sindku dwar din skema għall-inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet. Hija ġiet avviċinata minn persuna li tgħallem il-basketball u jista' jkun li tiġi integrata f'dan il-proġett. | Fenech |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. 3. 10 | 19 | Għaqda Mużikali Beland: Isem ta' Triq għal Dr Alexander Cachia Zammit | Il-Kunsill Lokali jaqbel mal-prinċipju u hemm raġuni valida sabiex jikkunsidra din it-talba. Min-naħa l-oħra l-Kunsill qed jadotta policy li f'dal-każijiet, tintagħżel triq li fiha jiġu effettwati l-inqas nies possibli. Dan peress li toroq ġodda mingħajr isem fiż-Żejtun ma jeżistux. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jikteb lill-Għaqda sabiex jissuġerixxu triq taħt dawn il-kriterji.** | Hales Segretarju |
| 09. 3. 11 | | Fondazzjoni Wirt iz-Zejtun: Stedina 19.09.14 | Il-Kunsill ġie mistieden jattendi għall-ftuħ tal-wirja ta' l-Aħħar Ħbit tat-Torok 1614 nhar il-Ġimgħa 19 ta' Settembru fil-fergħa ta' l-APS Bank, Zejtun fis-7.15pm. | |

**09. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 09. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 08/14 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 08/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 09. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 09/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 09. 4. 3 | i | Il-Kunsill qabel ukoll li jħallas lis-Sur Glenn Chircop l-ammont ta' €50 għax-xogħol li għamel fuq il-poster ta' l-Aħħar Ħbit. | | |
| 09. 4. 4 | | Petty Cash - Lulju 2014 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Lulju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €142.69.** | Segretarju |
| 09. 4. 5 | | Petty Cash - Awwissu 2014 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Awwissu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €90.24.** | Segretarju |

**09. 5.** **Tribunal Lokali fiż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 5. 1 | Korr. Nru 4 | Tribunal Lokali: Ristrutturar | Is-Sindku informa lill-Kunsill li mit-tliet tribunali lokali: Belt, Fgura u Zejtun ġie deċiż mill-Ministeru tal-Ġustizzja li jinżamm wieħed, dak taż-Żejtun. B'hekk żewġ tribunali lokali ser jingħaqdu ma' dak taż-Żejtun. Għaldaqstant, intlahaq ftehim sabiex isir xi tibdil strutturali ħalli dawn ikunu jistgħu jiġu akkomodati u għalhekk il-kamra li qabel kienet tal-kenniesa, ingħatat lit-tribunal u ġiet tagħmel parti ntegrali mit-Tribunal. | Sindku |

**09. 6.** **Child Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. 6. 1 | | Is-Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ċ-Child Day Care Centre ser jibda jopera mit-3 ta' Novembru, 2014. Sat-12 ta' Ottubru, tagħlaq ir-reġistrazzjoni tat-tfal. Dan peress li kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar, trid tintbagħat lista ta' tfal li jkunu qed jattendu ċ-Ċentru. Għal dawk interessati, ser issir laqgħa ġewwa ċ-Ċentru nhar is-Sibt 13 ta' Settembru. | |
| 09. 6. 2 | | | L-ETC ħarġet is-sejħa għal co-ordinator. Bħalissa qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. Il-proċess ta' l-għażla ser isir mill-Fondazzjoni. | |

**09. 7.** **Triq Ħal Ġwann resurfacing**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 7. 1 | | Is-Sindku: Jirraporta | Il-Kunsill innota li l-heading ried jaqra Triq Tavlin u Triq l-Għannejja. | |
| | | | Is-Sindku ippropona sabiex isir il-wiċċ ta' Triq Tavlin u Triq l-Għannejja. Chircop staqsa hux ser isiru l-bankini peress li qed isir parkeġġ minn vetturi eżatt mal-bibien tar-residenti. Is-Sindku spjega li ser issir footpath u fejn ikun hemm każijiet bħal dawn, issir għatba. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |

**09. 8.** **Rapport Finanzjarju Apr-Ġun'14**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Segretarjat: Jirraporta | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena finanzjarja, April-Ġunju 2014. | |
| 09. 8. 2 | | | Is-Sindku spjega li l-Kunsill ilu mingħajr dħul mis-sistema taċ-ċitazzjonijiet madwar tliet snin. Huwa informa lill-Kunsill li *Sterling Security* m'għadux jopera u issa is-servizz jinsab mal-*Guard & Warden Agency*. Xorta waħda l-infurzar lokali għadu kollu responsabbilta' tar-Reġjun. | |
| 09. 8. 3 | | Rapport Finanzjarju Apr-Ġun'14 | Ingħatat spjegazzjoni dettaljata mis-Segretarju Eżekuttiv dwar id-dħul u l-infiq f'dan il-kwart, u ġie nnutat li preżentement il-Kunsill irid jiġbor flus minn entitatjiet varji għall-proġetti li għamel. **Il-Kunsill approva dan ir-rapport u għalhekk is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ir-rapport finanzjarju hekk kif preżentat.** | Sindku<br>Segretarju |

**09. 9.** **Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. 9. 1 | | Sindku: Kwotazzjonijiet | Is-Sindkuipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill, il-kwotazzjonijiet li daħlu wara li saret sejħa pubblika għal diversi kirjiet. Il-Kunsill iddeċieda kif ġej: **Il-kwotazzjoni għal kiri ta' sound ingħatat lil DSS,dik tal-billboards lil JP Advertising, tal-Medieval Re-enactments lil Jacs, kiri ta' dawl lil Nexos , provvista ta' żebbuġ ser tinxtara mingħand Peter Cassar peress li l-offerta li daħlet, intefgħet tard u xorta waħda kienet għola minn fejn inxtara żebbuġ is-sena li għaddiet.** | Sindku Agius |
| 09. 9. 2 | | | Rigward is-sejħa għal kiri ta' bars, il-Kunsill innota li ntefgħet offerta waħda biss, għal dak ta' Misraħ ir-Repubblika mill-Għaqda Banda Beland għall-prezz ta' €1,500. Dwar il-Bar ta' l-Għannejja u ta' San Girgor nippruvaw niksbu offerti vantaġġjużi. | Sindku Agius |
| . 9. 3 | | Sindku: Programm | Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal press conference li ser issir il-Ħamis 18 ta' Settembru f'nofsinhar ġewwa *San Niklaw Estates*. Il-Ħamis 25 ta' Settembru ser tkun inawgurata l-wirja tal-ħalib fit-Teatru Pandora. Dan peress li fiż-Żejtun tinħadem 17% tal-produzzjoni tal-Ħalib. L-inawgurazzjoni uffiċċjali ta' Żejt iż-Żejtun, is-Sibt 27 ta' Settembru, ser issir minn Ministru Dr Owen Bonnici. | Sindku Agius |
| 09. 9. 4 | | | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kumpanija Force 5 permezz tal-GalXlokk ser tagħmel xogħol ta' printing u distribuzzjoni ta' leaflets, flyers u posters dwar il-wirja tal-ħalib kif ukoll dwar l-attivita' Żejt iż-Żejtun. | |

| **09 10.** | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Referenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 10. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Caruana | **Il-Kunsill qabel li ssir plakka kommemorattiva mar-residenza ta' l-Isqof Emanuel Gerada. Dan wara li jinkiseb permess mir-residenti.** | Hales Segretarju |
| 09. 10. 2 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Camilleri | **Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel mal-prinċipju li Triq San Klement għandha issir one way, wara li jinfetaħ il-Misraħ il-Bjar. Wara li issir analizi tat-*traffic management* ta' din iż-żona, il-Kunsill ser jissottometti din l-applikazzjoni quddiem TM. Il-Kunsill innota wkoll il-petizzjoni tar-residenti ta' din it-triq li kienet annessa mal-mozzjoni.** | Hales |

| **09. 11.** | | **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. | 11. 1 | Sindku: *Resurfacing* ta' Triq Bir id-Deheb sa Triq A. Cachia Zammit | Is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex jiċċekkja ma' TM meta ser joħroġ il-kuntratt sabiex issir it-triq mill-ġdid. | Sindku Segretarju |
| 09. | 11. 2 | Abela: Triq Xrobb l-Għaġin | Abela staqsiet jekk hemmx il-ħsieb li jsir il-wiċċ ta' Triq Xrobb l-Għaġin. Is-Sindku spjega li hemm problema ~~ta'~~ biex jsir drenaġġ li għadha ma ġietx solvuta. Għaldaqstant ser jintbagħat reminder. Biex issir Triq Xrobb l-Għaġin is-Sindku qed inisisti li tidħol fil-programm nazzjonali tat-Toroq Rurali. | Sindku Segretarju |
| 09. | 11. 3 | Hales: Telefon Ċellulari | Hales irraporta lill-Kunsill li hu jagħmel ħafna xogħol fuq barra u li lilu qed tiswieh madwar €90 fix-xahar telefonati mil-linja tal-mobile personali tiegħu. Is-Sindku talab lil Hales li jiddiskuti din il-materja mas-Segretarju Eżekuttiv u jara hemmx xi skema li jista jibbenifika minnha. | Hales Segretarju |
| 09. | 11. 4 | Hales: *Adjudicating Board* | Hales talab lill-Kunsill jikkunsidra li meta jkun hemm tender jew kwotazzjoni li tkun taqa taħt id-dekasteru tiegħu, il-Kunsillier responsabbli għandu jkun preżenti u kif ukoll ikun parti mill-bord. **Il-Kunsill qabel.** Il-Kunsillier Caruana talab sabiex jinżamm il-ħin tas-2.30pm għal ftuħ tat-tenders/kwotazzjonijiet u għal-laqgħat ta' l-*adjudicating board*. Is-Sindku spjega li jekk ikun hemm udjenza għall-ftuħ ta' tender/kwotazzjoni, din trid tinfetaħ hekk kif tagħlaq mis-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza ta' żewġ kunsilliera. | Sindku Segretarju |
| 09. | 11. 5 | Sindku: Tender Ġbir ta' Skart | Is-Sindku talab il-permess tal-Kunsill sabiex tkun diskussa t-tender tal-ġbir a' l-iskart. Huwa nforma lill-Kunsill li l-ħames offerti li ntefgħu kienu kollha eleġibbli. Ġie mqassam rapport kif ukoll formola tal-punti li ngħataw waqt l-*adjudicating board*. **Fuq rakkomondazzjoni ta' l-*adjudicating board*, fuq proposta tas-Sindku u sekondata mill-Kunsilliera Agius, il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha tingħata lil Waste Collection Ltd għal €287 kuljum. Il-Kunsill qabel ukoll li l-kuntratt il-ġdid għandu jibda b'effett mil-1 ta' Ottubru, 2014.** | Hales |
| 09. | 11. 6 | Fenech: Sala tal-Gym | Fenech irrapurtat lill-Kunsill li bħalissa għadu għaddej ix-xogħol fuq il-gym. | Fenech |
| 09. | 11. 7 | Abela: *Street Hawker* f'Bulebel | Abela staqsiet jekk ġietx solvuta l-kwistjoni tal-*istreet hawker* ta' Bulebel. Is-Sindku spjega li dan iċċaqalaq bil-pulizija u qed iħallas il-permess mal-Kunsill Lokali Żejtun. | Sindku |
| 09. | 11. 8 | Chircop: *Crash Barrier* fi Triq Daħla ta' San Tumas | Chircop talab sabiex issir *crash barrier* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas k/m Triq Xeħt il-Forom. Is-Sindku spjega li hemmhekk il-bankina hija dejqa u li jekk issir fit-triq, il-Kunsill ikun responsabbli f'każ ta' xi aċċident. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. | 11. 9 | Chircop: Ilma tat-tisqija fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Chircop irraporta ilma tat-tisqija li qed jiżbokka quddiem il-Klabb tal-Boċċi. Is-Sindku spjega li kien hemm problema tad-drenaġġ li tranġat. | Sindku |
| 09. | 11. 10 | Chircop: Wirja Filatelika | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li għat-tieni sena konsekuttiva, il-wirja filatelika ser issir waqt Żejt iż-Żejtun, fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat bit-tema ta' din is-sena ser tkun Anniversarji u Tifkiriet. Il-ftuħ tal-wirja ser isir nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru fis-7pm. Sarel wkoll il-wirja 1919-1614. | Chircop |
| 09. | 11. 11 | Chircop: Lapida Vittmi tal-Gwerra | Chircop ġie avviċinat mill-familja Cassar li toqgħod Ħaż Żabbar dwar il-qarib tagħhom Joseph Grech li miet l-għada ta' l-attakk ta' bombi u mhuwiex imniżżel fil-lista. Dan kien joqgħod 71, Triq Sant'Anġlu, Żejtun. Huwa għamel riċerka mal-Commenwealth u hemm ukoll ċertifikat maħruġ minn din l-istituzzjoni li turi dan. Hemm niex oħra li ma tniżżlux jew li isimhom mhux korrett fuq din il-lapida. **Il-Kunsill qabel mal-proposta ta' Chircop sabiex dan l-isem jiżdied fil-komemorazzjoni tal-vittmi tal-gwerra tas-sena d-dieħla.** | Chircop |
| 09. | 11. 12 | Chircop: Ikel - *Stray cats* | Chircop irraporta l-problema li għandhom ir-residenti bl-ikel li qed jitħalla barra għall-i*stray cats*. Il-Kunsill innota li jista jitħalla biss ikel *dry* f'kontenitur. Dan qed ikun innutat f'diversi postijiet fosthom fi Triq Taltas u Triq Mikiel Cachia. | |
| 09. | 11. 13 | Caruana: *Un/loading bay* | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar deliveries tal-POYC li qed isiru fil-għaxija lill-ispiżeriji tal-Pjazza prinċipali, bil-konsegwenza li l-vannijiet ma jsibux jipparkjaw u jistagnaw it-traffiku. Dan minħabba li t-tabella ta' *un/loading* quddiem is-Salib taqra mis-7am sa nofsinhar. Hales qal li l-granet u l-ħinijiet ġew iffissati bi ftehim mas-sidien tal-ħwienet taz-zona inkluz tal-Green Cross Pharmacy. | Sindku<br>Hales |
| 09. | 11. 14 | Caruana: Siġar tat-tin | Caruana talab sabiex jinżabru s-siġar li qed jiżbokkaw mill-iskola sekondarja peress li dawn qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti. **Il-Kunsill qabel li jirraporta lid-Dipt. ta' l-Edukazzjoni.** | Hales<br>Segretarju |
| 09. | 11. 15 | Caruana: *Resurfacing* fi Triq Palazzi u Triq A Cachia Zammit | **Il-Kunsill qabel li jikteb TM sabiex jikseb informazzjoni dwar meta ser isir ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Palazzi u Triq A Cachia Zammit.** | Sindku<br>Segretarju |
| 09. | 11. 16 | Caruana: Banijiet f'Misraħ ir-Repubblika | Caruana staqsa meta ser jinbidlu l-bankijiet li hemm f'Misraħ ir-Repubblika quddiem is-Sala Parrokkjali u jsiru oħrajn bħal dawk quddiem iz-Zejtun Band Club. Is-Sindku spjega li għal dik iż-żona ġie sottomess proġett u ser niktbu lil TM sabiex naraw fhiex wasal. | Sindku<br>Segretarju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 09. 11. 17 | Caruana: Fanali f'Misraħ Diċembru XIII | Il-Kunsillier Caruana reġa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fanali ta' Misraħ Diċembru XIII. Is-Sindku spjega li l-problema li hemm hi ta' kif ser jintradam il-cable tad-dawl. | Sindku |
| 09. 11. 18 | Agius: Tindif Festa Madonna tal-Ħniena | Agius fakkret sabix isir it-tindif neċessarju fl-okkazjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ħniena. | Hales |
| 09. 11. 19 | Agius: Bankijiet tal-piknik fi Ġnien il-Qawsalla | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex isiru bankijiet tal-piknik fi Ġnien il-Qawsalla. **Is-Sindku qal li għalissa jista' jsir wieħed.** | Sindku |
| 09. 11. 20 | Agius: *Outdoor gym* | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-*outdoor gym* twaħħal u ġie apprezzat peress li dan qed jintuża. | |
| 09. 11. 21 | Agius: Attivitajiet tas-sotto kumitat | Agius irrapurtat lill-Kunsill il-ħarġiet tas-sotto kumitat li saru matul ix-xhur tas-Sajf: Kitchen Garden, Kids Club, Għawdex, Ferry boat trips, Pasta Night ġewwa Smart City, Festa Sajf u water games activity għat-tfal. Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li ser isir recreational activity għall-familja bejn it-3 u l-5 ta' Ottubru filwaqt li bejn Ottubru u Diċembru ser isir xogħol fuq il-proġett tal-Gal Xlokk taħt il-mizura 413 'Community Support for Children' . Hawnhekk is-Sindku talab sabiex l-activity sheets jibdew jiġu ppreżentati fuq il-mejda tal-Kunsill. | Agius |
| 09. 11. 22 | Viċi-Sindku: Ħarġa 24 ta' Settembru | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser issir ħarġa għall-anzjani nhar l-24 ta' Settembru ġewwa l-Palazz tal-President u l-Kitchen Garden fejn il-parteċipanti intalbu jagħmlu donazzjoni ta' €5. għall Malta Community Chest Fund. | Viċi-Sindku |
| 09. 11. 23 | Viċi-Sindku: Laqgħa KNPD | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill, il-laqgħa li attendiet ġewwa l-KNPD fejn ingħatat ukoll il-logo il-ġdid li għandu jintuża. Dwar dan ġew avviċinati l-KoptaSin. | |
| 09. 11. 24 | Viċi-Sindku: Dame Frances Grima 100sena | **Il-Kunsill qabel li jagħti xi ħaġa lil Dame Frances Grima fl-okkazjoni ta' għeluq sninha li din is-sena ser tagħlaq 100 sena f'Novembru li ġej.** Is-Sindku irrimarka li s-Sinjura Grima ħaqqha kull rikonoxximent mill-Kunsill. **Il-Kunsill qabel unanimament.** | Viċi-Sindku |
| 09. 11. 25 | Viċi-Sindku: Ftuħ Latrina tas-Suq | Il-Viċi-Sindku ssuġġeriet li l-latrina tas-Suq tibda tkun miftuħa. Is-Sindku qal li l-iskop ta' dawn il-latrini huwa li jkunu miftuħa matul il-ħinijiet uffiċċjali tas-Suq u l-ftuħ tagħhom f'ħinijiet oħra jkunu suġġetti għall-abbuż. | Hales |
| 09. 11. 26 | Viċi-Sindku: Bankini f'Misraħ Duminku Mintoff | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bankini sfrundati f'Misraħ Duminku Mintoff li qed ikunu ta' periklu għal pedestrians. Dan diġa qiegħed fil-programm tax-xogħol. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 09. 11. 27 | Viċi-Sindku: Triq l-Isqof Galea k/m Triq Guzeppina Curmi | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir *sleeping policeman* jew tiġi mgħollija l-bankina fi Triq l-Isqof E. Galea k/m Triq Ġużeppina Curmi. Is-Sindku nnota li dan diġa' ġie mitlub. | Sindku |
| 09. 11. 28 | Viċi-Sindku: Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar iż-żewġ bring in sites li kellhom isiru fid-Dar ta' l-Anzjani u s-simenta fejn il-kamra mortwarja, li għadhom ma sarux. Dan ix-xogħol mhux possibbli jsir kif mixtieq sakemm il-Kunsill jibqa' b'żewġ ħaddiema manwali biss. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 2 ta' Ottubru, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Joe Attard
ndku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI
ŻEJTUN
Città Beland